RAPPORT

TENDER GĦALL-MANUTENZJONI

TAL-BLOCKS TAL-GVERN

- *Fit-19 ta' Ottubru 2011 il-Kumpanija WhiteFrost ċemplu l-Kunsill biex tintbgħatilhom kopja tal-iskeda ta' l-offerti*

- *Ġiet emailed kopja minn Clarissa Schembri dak in-nhar stess*

- *Ftit tal-ħin wara dawn ċemplu biex jaraw għaliex l-offerta tagħhom ma kienitx inkluża fl-iskeda*

- *Mill-lista li kellha Anna Micallef irriżulta li din il-Kumpanija kienet immarkata li l-offerta tagħhom intefgħet. L-imsemmija skrivana dak il-ħin stess infurmat fuq it-telephone lill-Amanda Schembri, rappreżentanta tal-Kumpanija, li hija tiftakar li dawn ġew bl-offerta għax kienu huma l-ewwel kuntratturi li ġew biha u din intefgħet fil-kaxxa fil-preżenza tagħha. Hija nfurmat ukoll li tiftakar minn kienet il-persuna li ġiet bit-tender għax din kellha żewġ envelopes u qaltilha biex tagħmilhom f'envelope wieħed u tatha wkoll envelope tal-Kunsill. Hija kompliet tinsisti li ż-żewġ envelopes li kellha r-rappreżentanta tal-WhiteFrost infetħu quddiemha u tiftakar li kienu żewġ flat files suwed. Dawn tpoġġew fl-envelope tal-Kunsill u ġew depożitati fil-preżenza tagħha f'waħda mill-kaxex tat-tenders. Dan kollu intqal fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani Denise Vella u Clarissa Schembri. Ġie kkonfermat ukoll li fil-lista li ġiet ikkompilata mill-iskrivana Anna Micallef kien hemm żball peress li n-numru ta' persuni li tefgħu l-offerti kien ta' 7 meta fil-fatt meta wieħed jogħod tal-WhiteFrost dan jiġu 8.*

- *Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-WhiteFrost li l-offerti kollha nfetħu fil-ħin fil-preżenza tal-pubbliku kif ukoll fil-preżenza tas-Sindku, l-Kunsillier E. Muscat u l-iskrivana Clarissa Schembri. Hija qalet li nfurmat ukoll lill-Amanda Schembri biex kemm jista' jkun malajr tikteb uffiċjalment lill-Kunsill b'dan ħalli tkun tista' tinforma lis-Sindku b'dan u tieħu passi. Sussegwentament WhiteFrost bgħatu l-ittra datata 19 ta' Ottubru 2011.*

- *It-Tnejn 24 ta' Ottubru 2011 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Matthew Schembri permezz tat-telephone li se tipprova tagħmel appuntament mas-Sindku l-għada 25 ta' Ottubru 2011. Huwa ġie mitlub iġib miegħu kopja tal-offerta mitfugħa.*

- *It-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011 saret laqgħa mas-Sur Matthew Schembri. Dan sostna li huwa ġie mċaħħad miċ-ċans li jikkompeti għal din l-offerta. Is-Sindku reġgħet staqsietu biex jgħaddi kopja ta' l-offerta lill-Kunsill u qaltlu wkoll li se tiddiskuti dan il-każ mal-Awtorita' tad-Djar peress li dan il-proġett qed jiġi ffinanzjat minnhom. Hija qaltlu wkoll li se tinforma l-Kunsill biex jiġi deċiż se jsir fiċ-ċirkustanzi.*

- *Is-Segretarju Eżekuttiv kellha telefonata mingħand is-Sur Matthew Schembri fejn dan infurmaha li ħa parir legali dwar il-każ u se jitlob legalment li l-proċess tat-tender jiġi mwaqqaf. Is-Segretarju Eżekuttiv talbitu li biex ma jikbrux l-affarijiet għalissa jagħmel din it-talba personali permezz ta' ittra uffiċjali. Fid-29 ta' Ottubru 2011 ġiet irċevuta l-ittra mingħand WhiteFrost datata 27 ta' Ottubru 2011.*

- *L-Erbgħa 2 ta' Novembru 2011 saret laqgħa mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv mal-Avukat Dr. R. Fenech Adami dwar il-każ. Issejħet l-iskrivana Anna Micallef biex tagħti l-verżjoni tagħha ta' x'ġara dak in-nhar li għalqu l-offerti.*

  *L-Avukat staqsijha jekk hi tiftakarx lir-rappreżentant tal-WhiteFrost jitfa' l-offerta. Hija qalet li tal-WhiteFrost kienu l-ewwel li tefgħu l-offerta f'xi l-għaxra (10) ta' filgħodu u hi kienet preżenti magħha ħdejn il-kaxxa. Hija qalet ukoll li tiftakar ċar għax din il-persuna ġiet b'żewġ envelopes u hi qaltilha tagħmilhom f'envelope wieħed peress li l-oħrajn kollha hekk għamlu. Hija qalet ukoll li tiftakar li t-tender documents kienu żewġ flat files suwed.*

  *L-iskrivana hawn ġiet mistoqsija kif jista' jkun li kienet taf x'għamlu l-oħrajn jekk kif qalet hi stess tal-WhiteFrost kienu l-ewwel li tefgħu l-offerta. L-iskrivana rrispondiet li xi ħadd ieħor tefa' offerta ġurnata qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija ma ġietx infurmata li xi ħadd ġab tender ġurnata qabel. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-uffiċjali tal-customer care, li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu xogħol sakemm ingħalaq l-uffiċċju amministrattiv, li ħadd ma ġie l-Kunsill jiddepożita xi tenders qabel il-ġurnata li fiha għalqu l-offerti.*

  *Il-kaxxi tat-tenders kienu fil-waiting area tal-customer care u tpoġġew fil-hall ta' quddiem l-uffiċċju tas-Sindku l-Erbgħa 12 ta' Ottubru filgħodu.*

*Dak in-nhar ta' l-għeluq tat-tenders filgħodu l-iskrivana Anna Micallef qalet fil-preżenza tal-iskrivani Clarissa Schembri u Denise Vella, li taħseb li din id-darba se jiġri bħal ma ġara l-aħħar darba u ħadd ma jitfa' tenders.*

*Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li l-proċedura ta' l-envelopes ta' kif jiġu ddepożitati t-tenders qiegħda speċifikata fit-tender document u għaldaqstant l-iskrivana Anna Micallef ma kelliex tmur kontra dawn il-proċeduri. Hija qalet ukoll li l-fatt li l-offerti ġew miftuħa fil-preżenza ta' l-iskrivana mhux etikament korrett.*

Din hija kopja oriġinali ta' rapport li sar mis-Sindku.

**Laqgħa tal-Kunsill:** 35 **Data:** 3/11/2011

Sindku

Seg. Eżekuttiv

V. Sindku

Kunsillier

Kunsillier

Kunsillier